Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,624, 5 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 145 ta' l-1998

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, fuq parir ta' l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 65 ta' l-1992.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu 7.4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"7.5. Meta d-data ta' l-inqas durabbiltà jew ta' "uża sa" tkun tidher fuq it-tikketta, l-indikazzjoni tan-numru tal-lott m'għandhiex għalfejn tkun tidher fuq l-oġġett ta' l-ikel, kemm-il darba d-data tkun tikkonsisti mill-inqas fl-indikazzjoni mhux kodifikata tal-jum u x-xahar f'dak l-ordni.".